



# Politika dwar l-ażil: inqas kliem u aktar solidarjetà

L-avvenimenti tar-rebbiegħa Għarbija, u n-numru dejjem jiżdied tal-immigranti li waslu Malta jew fil-gżira Taljana ta' Lampedusa matul l-aħħar xhur kabbru l-bżonn ta' iktar solidarjetà fil-qasam tal-ażil. Dawn l-avvenimenti enfasizzaw ħafna aktar il-ħtieġa għal sistema Ewropea komuni tal-ażil u l-bżonn ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni Ewropea trid issaħħaħ is-solidarjetà bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ażil sabiex tiżgura li tingħata garanzija ta' protezzjoni lin-nies li jeħtieġu kenn. F'Komunikazzjoni riċenti dwar "Is-solidarjetà msaħħa fl-UE fil-qasam tal-ażil", il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi li ttejjeb is-sistemi tal-ażil permezz ta' koperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri u użu tajjeb tal-fondi Ewropej. Dan jista' jinkiseb billi:

- jiżdied l-ammont ta' fondi disponibbli lill-Istati Membri;
- tiżdied l-għajnuna finanzjarja biex dawk li jiksbu protezzjoni internazzjonali jkunu jistgħu jmorru fi Stati Membri oħra;
- jiġi introdott mekkaniżmu ta' twissija bikrija biex jiġu identifikati u indirizzatti problemi fis-sistema tal-ażil tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni Ewropea qed tagħmel enfasi fuq il-fatt li s-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri jiddependu minn xulxin. Għaldaqstant, Stat Membru li jkun mgħobbi żżejjed bil-problema jew b'sistema li ma taħdimx tajjeb, iħalli impatt fuq l-oħrajn kollha. Is-suċċess tal-miżuri ta' solidarjetà tal-UE jiddependu fuq il-koperazzjoni tal-Istati Membri kollha. Kien għal dan il-għan li twaqqaf l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil. Dan l-uffiċċju joffri għajnuna lill-Istati Membri biex jimplimentaw politika tal-ażil li tkun ġusta u konsistenti. L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil jinsab Malta u nfetaħ uffiċjalment f'Ġunju li għadda.

MEUSAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt